C/2024/3415

3.6.2024

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Pubblikazzjoni tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2023 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbilità tas-Suq skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE

(C/2024/3415)

1. INTRODUZZJONIS

Fl-2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE adottaw id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 ([1]) ("id-Deċiżjoni dwar l-MSR") biex joħolqu Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) bħala parti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE ([2]) ("id-Direttiva dwar l-ETS"). Il-fini tar-riżerva huwa li jiġi evitat li jkun hemm eċċess strutturali tal-kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE. Dan iġib miegħu r-riskju assoċjat li eċċess jipprevjeni li l-EU ETS tagħti s-sinjal ta' investiment meħtieġ biex tinkiseb il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE b'mod kosteffiċjenti. L-għan huwa wkoll li l-EU ETS ssir iktar reżiljenti għall-iżbilanċi bejn il-provvista u d-domanda, u b'hekk is-suq tal-karbonju tal-UE jkun jista' jiffunzjona mingħajr xkiel. Ir-riżerva bdiet tiffunzjona f'Jannar 2019.

Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, għall-finijiet tar-riżerva, kull sena l-Kummissjoni tippubblika n-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) għas-sena ta' qabel. Din iċ-ċifra tiddetermina jekk il-kwoti jiġux irtirati mill-volum tal-irkant u jitqiegħdu fir-riżerva jew jiġux rilaxxati mir-riżerva u jiġux irkantati. Għalhekk, il-pubblikazzjoni annwali tat-TNAC hija karatteristika importanti tal-MSR u tal-EU ETS.

Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat it-TNAC għall-2022, li kien jammonta għal 1 134 794 738 ([3]). Għaldaqstant, 272 350 737 kwota kellhom jitqiegħdu fir-riżerva mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024. B'kollox, in-numru ta' kwoti fir-riżerva li ġew invalidati fl-1 ta' Jannar 2023 kien 2 515 135 787.

Din il-Komunikazzjoni hija t-tmien pubblikazzjoni tat-TNAC u tikkonċerna l-2023. Tagħti dettalji dwar il-kalkolu sottostanti u n-numru ta' kwoti li se jitqiegħdu fir-riżerva mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2025. Tindika wkoll in-numru ta' kwoti fir-riżerva li ġew invalidati fl-1 ta' Jannar 2024.

Il-Komunikazzjoni tenfasizza bidliet sinifikanti fil-funzjonament tal-MSR li ġew introdotti fil-qafas tal-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" — bħala parti mir-reviżjonijiet tad-Deċiżjoni dwar l-MSR ([4]) u tad-Direttiva dwar l-ETS ([5]) — kif ukoll bidliet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/435 ([6]) ("ir-Regolament dwar ir-REPowerEU"), adottat bħala parti mir-rispons tal-UE għall-kriżi enerġetika.

([1]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([3]) C/2023/2929 — Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pubblikazzjoni tal-għadd totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2022 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet stabbilità bid-Direttiva 2003/87/KE (ĠU C 172, 15.5.2023, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 (ĠU L 110, 25.4.2023, p. 21).

([5]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

2. **Funzjonament tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq**

L-MSR tiffunzjona awtomatikament meta t-TNAC ikun 'il barra mill-firxa stabbilita. Il-kwoti jiġu rtirati mill-volum tal-irkant u jitqiegħdu fir-riżerva jekk it-TNAC jaqbeż il-livell limitu ta' 833 miljun. Ir-rata ta' inkorporazzjoni tar-riżerva tiġi stabbilita għal 24 % tat-TNAC meta dan in-numru jkun ogħla minn 1 096 miljun. Meta t-TNAC ikun bejn 833 miljun u 1 096 miljun, l-inkorporazzjoni tkun id-differenza bejn it-TNAC u 833 miljun. Jekk it-TNAC ikun inqas mil-livell limitu ta' 400 miljun, 100 miljun kwota mir-riżerva jiġu rilaxxati u jiġu rkantati. Il-kwoti jitqiegħdu fir-riżerva jew jiġu rilaxxati minnha tul 12-il xahar. Mill-2023 'il quddiem, kwalunkwe kwota miżmuma fir-riżerva li tkun ogħla mil-livell limitu ta' 400 miljun ma tibqax valida iktar.

Skont l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR u f'konformità ma' din il-Komunikazzjoni, 24 % tat-TNAC fil-31 ta' Diċembru 2023 jew 833 miljun se jitqiegħdu fir-riżerva tul 12-il xahar li jibdew fl-1 ta' Settembru 2024. Numru korrispondenti ta' kwoti se jitnaqqsu mill-volumi ta' rkanti tal-Istati Membri tal-UE, tat-tliet pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles — l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja — kif ukoll tar-Renju Unit għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq. Dawn se jitnaqqsu skont l-ishma rispettivi tal-irkant tal-pajjiżi.

Skont l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-kwoti distribwiti għall-finijiet ta' solidarjetà u ta' tkabbir fl-EU ETS ([7]) ma jiġux inklużi fil-kalkolu tal-ishma rilevanti għall-finijiet tal-MSR.

Ir-Regolament dwar ir-REPowerEU jemenda d-Direttiva dwar l-ETS biex tidderoga mill-Artikolu 1(5a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR billi jintużaw 27 miljun kwota mhux allokata fl-MSR għall-Fond għall-Innovazzjoni. Dawn jitnaqqsu mill-kwantità totali ta' kwoti mhux allokati li kieku jiġu invalidati tul il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2030. Din l-emenda diġà kienet saret effettiva qabel ma dawk il-kwoti fir-riżerva li kienu ogħla mil-livell limitu ta' 400 miljun ġew invalidati fl-1 ta' Jannar 2024.

3. **NUMRU TOTALI TA' KWOTI FIĊ-ĊIRKOLAZZJONI**

Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, in-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni f'sena partikolari *"għandu jkun l-għadd kumulattiv ta' kwoti maħruġa fir-rigward tal-installazzjonijiet u l-kumpaniji tat-tbaħħir u mhux imqiegħda fir-riżerva fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008, inkluż l-għadd ta' kwoti maħruġa skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, fil-verżjoni fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2018, f'dak il-perjodu u d-drittijiet biex jintużaw il-krediti internazzjonali eżerċitati mill-installazzjonijiet fl-ambitu tal-EU ETS, sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena partikolari, neqsin it-tunnellati kumulattivi tal-emissjonijiet ivverifikati mill-installazzjonijiet u mill-kumpaniji tat-tbaħħir fl-ambitu tal-EU ETS bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari, u kwalunkwe kwota kkanċellata f'konformità mal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE."*

Fil-qosor, it-TNAC rilevanti għall-funzjonament tal-MSR jiġi kkalkolat permezz ta' din il-formula aġġornata:

TNAC = Provvista − Domanda

Iż-żewġ elementi tal-kalkolu huma deskritti fid-dettall f'din il-Komunikazzjoni. It-tabella fl-aħħar tad-dokument tagħti ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri kollha.

Skont l-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, il-kwoti maħruġa għall-emissjonijiet tal-avjazzjoni u għall-emissjonijiet verifikati tal-avjazzjoni mill-1 ta' Jannar 2024 se jiġu inklużi fil-kalkolu tat-TNAC għall-2024.

Skont id-Direttiva dwar l-ETS, l-EU ETS tkopri l-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem, u l-provvista u d-domanda mill-kumpaniji tat-tbaħħir se jiġu riflessi fil-kalkolu tat-TNAC għall-2024.

([7]) Skont l-Artikolu 10(2), il-punt b tad-Direttiva 2003/87/KE.

Provvista

Il-provvista ta' kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE tikkonsisti mill-elementi li ġejjin.

— Kwoti mfaddlin ([8]) mill-fażi 2 tal-EU ETS (2008-2012), li kienu jammontaw għal 1 749 540 826 ([9]).

— Kwoti allokati bla ħlas mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023, inkluż il-kwoti allokati mir-Riżerva għall-Entranti Ġodda (NER). Dan il-volum jammonta għal 8 222 698 758 kwota ([10]).

— Kwoti rkantati mill-1 ta' Jannar 2013 ([11]) sal-31 ta' Diċembru 2023, u kwoti użati għal finijiet ta' flessibbiltà fl-2021-2023 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/842 ([12]) ("ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi"). Skont ir-rapporti tal-irkanti fuq il-pjattaforma tal-irkant komuni u l-pjattaformi rilevanti ta' pajjiżi nonparteċipanti ([13]), il-volum ta' kwoti rkantati, inkluż l-"irkanti bikrin", kien 7 591 181 500. Ma' dan il-volum, iridu jiżdiedu 21 641 364 kwota fil-qafas tal-flessibbiltà stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ([14]).

— Kwoti monetizzati għall-programm NER300. B'kollox ġew monetizzati 300 000 000 kwota mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

— Krediti internazzjonali eżerċitati għall-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2020 ([15]). L-installazzjonijiet użaw 497 248 017 kreditu internazzjonali għall-emissjonijiet li ġġeneraw ([16]).

— Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, il-kwoti li jitqiegħdu fl-MSR ma jibqgħux parti mill-kalkolu tat-TNAC.

([8]) Kwoti maħruġa matul il-fażi 2 tal-EU ETS (2008-2012), li ma ġewx ċeduti biex ikopru l-emissjonijiet verifikati jew kanċellati ġew "imfaddla" biex jintużaw fil-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS (2013-2020). Dawn il-kwoti tħassru u fl-istess ħin inħoloq numru ugwali ta' kwoti fil-fażi 3. B'hekk, dan in-numru jirrappreżenta n-numru eżatt ta' kwoti tal-ETS fiċ-ċirkolazzjoni fil-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS.

([9]) COM (2015) 576 — Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Ir-rapport ta' progress dwar l-azzjoni klimatika, inkluż ir-rapport dwar il-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju u r-rapport dwar ir-rieżami tad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju.

([10]) Abbażi ta' estratt mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE (EUTL) fl-1 ta' April 2024.

([11]) Din iċ-ċifra tinkludi l-"irkanti bikrin", jiġifieri l-kwoti validi għall-fażi 3 tal-EU ETS (2013-2020), li kienu ġew irkantati qabel l-1 ta' Jannar 2013.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

([13]) Rapporti tal-irkanti: European Energy Exchange (EEX) u Intercontinental Exchange (ICE).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 joħloq flessibbiltà ta' darba li permezz tagħha l-Istati Membri jkun jista' jkollhom sa 100 miljun kwota tal-EU ETS ikkanċellati f'daqqa fl-2021-2030, sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-miri rispettivi tagħhom ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont dan ir-Regolament. Il-flessibbiltà tikkonċerna lill-Istati Membri b'miri li huma ferm ogħla kemm mill-medja tal-UE kif ukoll mill-potenzjal tagħhom ta' tnaqqis kosteffettiv, u tikkonċerna wkoll lill-Istati Membri li ma allokaw l-ebda kwota bla ħlas tal-EU ETS għall-installazzjonijiet industrijali fl-2013. Kanċellazzjoni ssir mill-volum tal-irkantar tal-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-kwoti kkanċellati jitqiesu bħala kwoti tal-EU ETS fiċ-ċirkolazzjoni meta jiġi ddeterminat in-numru totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni għall-finijiet tal-MSR f'sena partikolari.

([15]) Il-krediti internazzjonali ma jistgħux jintużaw biex tinkiseb konformità fil-fażi 4 tal-EU ETS (2021-2030).

([16]) Abbażi ta' estratt tal-EUTL mill-1 ta' April 2024. Dawn il-krediti internazzjonali jikkonċernaw biss lil dawk li ġew skambjati għal kwoti tal-UE fil-fażi 3 tal-EU ETS (2013-2020). Bejn wieħed u ieħor 1,1 biljun kreditu internazzjonali li setgħu jintużaw direttament għal finijiet ta' konformità fil-fażi 2 tal-EU ETS (2008-2012) huma riflessi fin-numru ta' kwoti mfaddla mill-fażi 2.

Domanda

Id-domanda għall-kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE tinkludi l-emissjonijiet verifikati totali mill-installazzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2013 ([17]) sal-31 ta' Diċembru 2023, li jammontaw għal 17 269 905 658 tunnellata ([18]), u 668 272 kwota kkanċellati tul dan il-perjodu skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva dwar l-ETS.

Numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, it-TNAC fl-2023 jammonta għal 1 111 736 535 kwota.

Kwoti miżmuma fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq

Wara l-invalidazzjoni tal-kwoti fl-1 ta' Jannar 2023, 486 087 000 kwota baqgħu fir-riżerva.

F'konformità mal-Komunikazzjonijiet dwar it-TNAC tal-aħħar snin, fir-riżerva tqiegħdu l-volumi ta' kwoti li ġejjin:

— 231 874 266 kwota mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Awwissu 2023 ([19]);

— 90 783 578 kwota mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 ([20]).

Fil-31 ta' Diċembru 2023, kien hemm 808 744 844 kwota fl-MSR. Minn dan il-volum, 27 miljun kwota twarrbu għall-Fond għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva dwar l-ETS.

Fl-1 ta' Jannar 2024, 381 744 844 minn dawn il-kwoti ġew invalidati skont l-Artikolu 1(5a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR. Il-kumplament tal-kwoti miżmuma tar-riżerva jammontaw għal 400 000 000 kwota.

4. **KONKLUŻJONI**

F'konformità mad-Deċiżjoni dwar l-MSR, se jitqiegħdu b'kollox 266 816 768 kwota fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq tul it-12-il xahar mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2025.

Il-pubblikazzjoni tas-sena d-dieħla tat-TNAC għall-finijiet tal-MSR se tiddetermina l-operat tar-riżerva minn Settembru 2025 sa Awwissu 2026.

([17]) B'rabta mal-emissjonijiet verifikati fil-perjodu 2008-2012 (fażi 2), ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

([18]) L-emissjonijiet totali verifikati huma bbażati fuq id-*data* estratta mill-EUTL fl-1 ta' April 2024. Iċ-ċifra tqis l-emissjonijiet verifikati rrapportati sal-31 ta' Marzu 2024 — l-iskadenza tar-rapportar fl-EU ETS. L-emissjonijiet irrappurtati wara din id-data ma jiġux riflessi fit-total.

([19]) C/2022/2780 — Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pubblikazzjoni tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2021 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE u tal-għadd ta' kwoti mhux allokati matul il-perjodu 2013-2020 2022/C 195/02 (ĠU C 195, 13.5.2022, p. 2). Rettifika għall-Komunikazzjoni — C(2022) 4874. Kif konkluż fil-punt 5 ta' din il-Komunikazzjoni, mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2023 se jitqiegħdu 347 811 404 kwoti fl-MSR. Il-volum li jikkorrispondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu 2023 kien 231 874 266.

([20]) C/2023/2929, kif issemma qabel. Kif konkluż fil-punt 4 ta' din il-Komunikazzjoni, mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Awwissu 2024 se jitqiegħdu 272 350 737 kwota fl-MSR. Il-volum li jikkorrispondi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2023 kien 90 783 578.

ĦARSA ĠENERALI

Provvista	
a) Kwoti mfaddlin mill-fażi 2 (2008-2012)	1 749 540 826
b) Kwoti allokati bla ħlas mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023, inkluż mill-NER	8 222 698 758
c) Kwoti rkantati mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023, inkluż irkanti bikrin	7 591 181 500
d) Kwoti użati għal finijiet ta' flessibbiltà fl-2021-2023 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/842	21 641 364
e) Kwoti monetizzati għall-programm NER300	300 000 000
f) Krediti internazzjonali użati għall-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2020	497 248 017
Total (provvista)	18 382 310 465
Domanda	
a) Emissjonijiet verifikati (f'tunnellati) minn installazzjonijiet stazzjonarji fil-qafas tal-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023	17 269 905 658
b) Kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE sal-31 ta' Diċembru 2023	668 272
Total (domanda)	17 270 573 930
Numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni	1 111 736 535

Kwoti miżmuma tal-MSR	
Kwoti fl-MSR fil-31 ta' Diċembru 2023	808 744 844
Kwoti mwarrbin għall-Fond għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE	27 000 000
Kwoti li ġew invalidati fl-1 ta' Jannar 2024	381 744 844
Kwoti fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq fl-1 ta' Jannar 2024	400 000 000